**Minuti tal-wieħed u tmenin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter**

Il-81 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis 5 ta' Mejju 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Item 1 - Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia, is-Sur Nicholas Azzopardi, is-Sur Norman Clews u s-Sur Joseph Agius.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tat-80 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Agius.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Dwar l-ittra li ntbgħatet mis-Sinjura Angie Cutajar dwar allegat inċident li seħħ fi Triq in-Naħla fil-25 ta' Mejju 2015, il-Kumitat, fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo, qabel unanimament li ma jerfax responsabilità tal-inċident u li jibgħat risposta legali.

Dwar il-ġibjun li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel iċ-*Chairperson* qal li dan kien infetaħ u nstab mingħajr ilma. Is-Sur Clews issuġġerixxa li dan il-ġibjun jitnaddaf.

Item 4 – Korrispondenza

Dwar l-approvazzjoni li ngħatat għal *road hump* fi Triq San Leonardu, is-Sur Agius ippropona li l-Kumitat jitlob lil Transport Malta biex tapprova li jsiru aktar minn *road hump* waħda fit-triq. Is-Sur Clews issekonda lis-Sur Agius u l-Kumitat qabel unanimament.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Is-Sur Bartolo qal li qiegħed isir l-kordinament kollu meħtieġ biex jinbeda x-xogħol ta' *resurfacing* madwar il-*playing field* ta' Triq l-Għakrux.

Dwar Triq iż-Żarżarell is-Sur Clews talab li ssir stima ta' kemm tiġi l-ispiża jekk kemm il-darba din it-triq tingħata t-tarmak.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Farrugia talab li jiġi verifikat jekk skip li hemm fi Triq il-Berebis tpoġġiex bil-permessi neċessarji.

Is-Sur Farrugia talab ukoll li ssir *road hump* jew *slow sign* fi Triq il-Berebis ftit qabel Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Iċ-*Chairperson* qal li issa li ġie stabbilit illi hemm spazju għal *bus shelter* fi Triq l-Għakrux ma' Triq in-Naħla, isiru l-applikazzjonijiet neċessarji biex isir dan il-*bus shelter*.

Fis-7:05 ta' filgħaxija is-Sur Azzopardi talab li jkun skużat.

Iċ-*Chairperson* talab li jiġi rranġat id-dawl ta' Ġnien il-Mistrieħ peress illi għadu ma jixgħelx.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:10 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-82 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 9 ta' Ġunju 2016.

Mario Bartolo
*Chairperson*